**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Hamis, 14 ta' Lulju, 2016**

Kawza Numru: 231/2016JB

Numru: 2

**Mary Spiteri (K.I.: 450635M)**

***vs***

**Rita Agius (K.I.: 80163M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar il-21 ta' Gunju 2016 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, l-Attrici talbet li l-Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' sitt mitt euro (€600) rapprezentanti somma mislufa minnha lill-Konvenuta f'Dicembru 2014 sabiex din tkun tista' tipprezenta appell quddiem il-qorti kompetenti, liema somma kellha tintradd lura fi zmien erba' gimghat. Talbet ukoll l-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 357/2016 u l-imghaxijiet.

Ra d-digriet tat-23 ta' Gunju 2016 fejn it-Tribunal fil-waqt li appunta t-talba ghas-smiegh, ta provvedimenti ghall-ahjar tmexxija tal-kaz;

Ra li l-Konvenuta, debitament notifikata (a fol 8) laqghet ghal din l-azzjoni billi nhar is-7 ta' Lulju 2016 ressqet risposta (a fol 9) li permezz taghha eccepiet dan li gej:

1. Illi s-somma in kwistjoni mhijiex ta' €600 imma ta' hames mitt euro (€500);
2. Illi l-intimata qatt ma talbet lill-Attirici taghtiha xi flus sabiex taghmel appell izda kienet l-istess Attrici li insistiet sabiex il-Konvenuta tiehu l-flus biex tkun tista' taghmel l-appell. L-Attrici insistiet li l-Konvenuta kellha tiehu dawn il-flus b'titlu ta' donazzjoni u mhux bhala self tant li ma sar l-ebda ftehim li dawn ilflus ghandhom jigu ritornati lura;
3. Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt;
4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema' l-provi;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi permezz tal-kawza odjerna l-Attrici qed titlob ir-radd lura ta' somma ta' €600 li hi qed tghid li silfet lill-Konvenuta. Il-Konvenuta qed tghid li hi rceviet is-somma ta' €500 minghand l-Attrici izda b'titlu ta' donazzjoni u mhux ta' mutwu. Qieghdha tghid ukoll li wara li tatha l-flus kellha ripensament u issa qed titlob li dawn jintraddu lura.

In sostenn tal-kawza taghha l-Attrici xehdet hi u ressqet ukoll lill-gharus tan-neputija taghha. Mill-provi attrici jirrizulta li l-Attrici kienet tat il-flus sabiex il-Konvenuta tkun tista' tinterponi appell minn kawza li fiha sfat sokkombenti. Tghid li sa mill-bidu nett, hija insistiet li l-flus kellhom jintraddu lura. Tghid li mghandhiex assi salv ghal madwar sebat elef euro (€7,000) u d-dar fejn tabita u tghix bil-pensjoni. Tghid li mhijiex l-ewwel darba li tat flus lil binha u lill-Konvenuta li hi s-siehba tieghu. Min-naha taghha, il-Konvenuta xehdet hi u stqarret li bejnha u bejn l-Attrici kien hemm relazzjoni tajba sakemm intervjenew terzi. Tghid li l-Attrici kienet ghaddietilha €500 mhux €600 u c-cirkostanzi li fihom ghaddew il-flus kienu li hekk kif l-Attrici sfat armla, nizzlet xi flus li zewgha kien jahbi fi travu fid-dar. Riedet lill-Konvenuta tghinha tghoddhom ghax ma riedetx iddahhal lil haddiehor imbaghad tatha s-somma ta' €500 f'kontanti. Il-Konvenuta tghid li rrifjutat izda l-Attrici baqghet tinsisti. Ma saret l-ebda kitba. Tghid li fit-travu kien hemm mas-sebgha u tletin elf euro (€37,000) – fatt li ma giex kontradett.

Ikkunsidra;

Illi mhuwiex kontestat li bejn il-partijiet kien hemm passagg ta' flus kontanti. Il-kwistjoni madankollu ddur madwar jekk inghatatx somma ta' €500 jew €600 b'mutwu jew b'donazzjoni – u ghalhekk it-Tribunal se jezamina l-kaz minn din l-ottika, prevja li tinghata ftit rassenja ta' gurisprudenza in materja.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet "Carmela Pace *vs* Rosaria Caruana *et*", deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Ottubru 1949,[1] inghad li sabiex donazzjoni titqies valida huwa mehtieg: (i) li l-oggett mobili moghtija b'rigal ikun tenwi u proporzjonat ghall-kondizzjonijiet ekonomici tad-donanti; (ii) li r-rigal ikun akkompanjat mit-tradizzjoni tal-oggett donat, u b'mod li dan jghaddi immedjatament u rrevokabilment f'idejn id-donatarju; u (iii) li d-donanti jkollu effettivament il-volonta li jiddona u li jizvesti ruhu immedjatament u irrevokabilment mill-oggett li jkun irid jiddona.

Il-gurisprudenza tghallimna wkoll li huwa principju li "*min jallega d-donazzjoni ghandu l-obbligu li jipprovaha tant jekk tkun donazzjoni propria kemm jekk tkun donazzjoni rimuneratorja, ossija improprja, kemm jekk tkun donazzjoni mista. Fi kwalunkwe kaz sabiex ikun hemm dikjarazzjoni gudizzjarja li sehhet id-donazzjoni jrid ikun hemm provi cari…*"[2] Il-gudikant huwa wkoll ggwidat mill-massima ta' Dritt Ruman *in dubio autem donatio non praesumitur*.

[1] Koll. [1949] XXXIII.ii.416
[2] Koll. XXXII.ii.472

Fir-rigward ta' ripensament, fis-sentenza "Dr Reuben Farrugia noe vs Tessa Pisani" deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' April 2010,[3] inghad li

> m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-*animus donandi* trid tintwera f'dak il-waqt li l-ħaga tkun ingħatat, u li r-ripensamenti jew bidla tal-fehma li d-donanti jista' jkollu minħabba xi cirkostanzi li jseħħu wara dik l-għatja ma jkunu jgħoddu xejn. Dan jingħad għaliex l-għotja tkun ipperfezzjonat ruħha malli sseħħ, sakemm ikun hemm dik ir-rieda, u ladarba sseħħ id-donanti jitlef kull jedd patrimonjali fuq il-ħaga donata. Madankollu, il-prova tal-fehma tad-donanti trid tkun waħda cara u jekk kemm-il darba joħrog jew jifdal dubju dwar fehma bħal dik, jitqies li jkun naqas element ewlieni tal-prova tal-kuntratt ta' donazzjoni.

Fil-kaz odjern, fejn it-Tribunal ghandu quddiemu zewg verzjonijiet kuntrastanti, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi li fihom sar il-passagg tal-flus. Jekk wiehed iqis li l-Attrici tghix bil-pensjoni u ghandha assi limitati, l-"oggett" mertu tal-kawza ma jistax jitqies ta' valur tenwu. Madankollu, fil-kuntest ta' sitwazzjoni fejn l-Attrici kienet qieghdha tigbor l-assi ereditarji tal-mejjet zewgha, huwa plawsibbli li minn somma ta €37,000 taghti donazzjoni lill-Konvenuta li frott il-familjarita li kellha maghha kienet sahansitra involvietha sabiex tghodd il-flus. Fil-verita, €500 jew €600 huma *circa* 1.5% tas-somma rikavata mill-mohba li kellu l-mejjet. Tenut kont tal-fatt li r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti iddeterjorat maz-zmien, huwa plawsibbli li fil-kaz odjern kien hemm ripensament dwar donazzjoni maghmula precedentement aktar milli mutwu *ab initio*. Il-fatt li d-donazzjoni ma saritx bil-miktub ma tantx ghandu rilevanza tenut kont tal-*quantum*, u l-mezzi tal-Attrici fil-kuntest tal-laxxitu tal-mejjet zewgha u dak li tghid il-ligi. It-Tribunal kellu wkoll l-opportunita li jqis il-komportament tax-xhieda u jqis li l-verzjoni tal-Konvenuta hija aktar plawsibbli minn dik tal-Attrici. Ghalhekk, din it-talba se tintlaqa'.

Ikkunsidra;

Illi sorvolata l-kwistjoni fil-mertu jmiss li jigi trattat u deciz il-kap tal-ispejjez.

Ghad li skond ma jipprovdi l-Art. 10 tal-Kap. 380, ordinarjament il-parti sokkombenti fi proceduri bhal dawk odjerni ghandha tigi kkundannata ghall-ispejjez, f'dan il-kaz iqis li jezistu dawk li l-ligi ssejhilhom "cirkostanzi specjali" sabiex jiddeciedi mod iehor u billi jqis li jkun ekwu li kull parti tbati l-ispejjez taghha jekk xejn biex din il-kwistjoni tinghalaq darba ghal dejjem u ma jkomplix jizdied l-attrit bejn il-partijiet, se jiddeciedi l-kap tal-ispejjez b'dan il-mod.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi prevja li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Konvenuta, jichad it-talba attrici. Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*

[3] Koll. [1949] XXXIII.ii.416